**6 ta' Lulju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Clive Simpson *noe*

*versus*

Dr Gaudenz Borg

**Azzjoni Rivendikatorja – Prova ta' Dominju – Oneru tal-Prova – Prova Inekwivoka**

*F'azzjoni rivendikatorja, l-attur għandu jipprova d-dominju tiegħu fuq il-ħaġa rivendikata u mhux biżżejjed li jipprova li l-istess ħaġa mhux tal-konvenut għaliex il-liġi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tiegħu nnifsu. Għandu għalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konklużiva.*

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili tas-26 ta' Jannar, 1988, li minnha sar l-appell preżenti, taqra hekk:

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Mejju, 1976, li biha Clive Simpson bħala prokuratur ta' Guglielmo, Giorgio, Giovanni u Jiulliana miżżewġa Ferretti, aħwa Canè, wara li ppremetta illi huwa l-proprjetarju ta' l-għalqa magħrufa bħala "tal-Marnisi" fil-kuntrada ta' Ħal-Għaxaq skond kif jirriżulta mill-kuntratt tat-18 ta' Frar, 1753, fl-atti tan-Nutar Pietro Paolo Magri; u

Illi l-konvenut qiegħed jippretendi li dina l-għalqa tinsab għandu taħt titolu ta' enfitewsi perpetwa, liema titolu ma jirriżultax minn atti;

Talab li dina l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara l-għalqa fuq imsemmija ta' proprjetà biss ta' l-attur *nomine,* u konsegwentement li l-konvenut ma għandux titolu ta' enfitewsi perpetwa fuq l-istess għalqa kif qiegħed jippretendi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 1976, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fis-26 ta' Mejju, 1976, li fiha l-konvenut qal:

"(1) Illi hu kien aċċetta l-eredità ta' Antonio Ciantar bil-benefiċċju ta' l-inventorju (Dok. 'A') u din il-kwalità tiegħu għandha tidher ukoll fl-okkju tal-kawża:

(2) Illi l-attur, *nomine*, għad irid jippreżenta d-dokumenti meħtieġa biex jipprova l-identità tal-fond li jrid jirrivendika u d-dritt legali ta' proprjetà allegat minnu fuq l-"għalqa magħrufa bħala tal-Marnisi", altrimenti jipprevali l-pussess attwali tal-konvenut *"possideo quia possideo"*;

(3) Illi l-eċċipjent u l-avanti kawża tiegħu ilhom fil-pussess paċifiku tal-fond in kwistjoni *"animus domini"* għal żmien ta' aktar minn tletin sena mingħajr interruzzjoni u għalhekk, – jekk mhux ukoll b'xi titolu validu ieħor – akkwista bid-dritt tal-preskrizzjoni trenntennali l-proprjetà ta' dan il-fond bid-drittijiet reali u bil-pertinenzi kollha tiegħu *"quoad omnes"* skond l-artikolu 2212, 2248, 561(1), 567 u 597 tal-Kodiċi Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra, speċjalment dawk li jkunu neċessarji wara li jiġi esibiti d-dokumenti allegati mill-attur";

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi l-attur *nomine* ma wasalx biex jipprova xi titolu validu fl-liġi fuq l-art in kwistjoni. Dina l-art tinsab fil-pussess tal-konvenut, li, għalkemm ma rnexxilux jipprova konklussivament l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-akkwist ta' l-art sar minnu bid-dekorriment taż-żmien, però huwa dejjem f'qagħda aħjar minn dik ta' l-attur *nomine* għaliex almenu għandu l-pussess ta' l-art kif ġà ssemma. It-tentattivi ta' l-attur li jipprova titolu ta' proprjetà ta' l-art ifallu partikolarment għaliex huwa ma wasalx biex jipprova xi titolu suċċessorju għal dak tal-proprjetarju ta' l-art fil-kuntrada ta' Xerriek, imsejħa tal-Kappillan li kien fiha xi kamra, entrata, bir u xi siġar u li ċertu Dottor Giovanni Gregorio Brincati kien ta enfitewsi temporanja li għalqet żmien ilu u ċjoè għall-ħabta ta' Awissu,

1857, u li dina l-art hija l-waħda li għaliha tirriferixxi ċ-ċitazzjoni u li qiegħda fil-pussess tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi darba illi l-attur naqas li jistingwi l-obbligu tiegħu li jipprova l-proprjetà ta' l-għalqa "Tal-Marnisi" msemmija fiċ-ċitazzjoni ma hemm ebda raġuni għaliex għandha tiġi kkonsiderata pożittivament it-tieni talba tiegħu impostata bil-kliem li dina l-Qorti "konsegwentement li l-konvenut ma għandux titolu ta' enfitewsi perpetwa fuq l-istess għalqa kif qiegħed jippretendi"; jiġifieri dina t-tieni talba, skond l-istess attur, setgħet u kellha tiġi milqugħa biss f'każ ta' eżitu favorevoli ta' l-ewwel talba tiegħu;

Anzi l-Qorti tħoss li għandha żżid illi kieku kellha tiġi biex tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, biċ-ċitazzjoni kif magħmula, it-tieni talba kien ikollha tiġi meqjusa superfluwa;

Għaldaqstant il-Qorti, fil-ħin li taddotta l-konklużjonijiet milħuqa fil-perizja, taqta' u tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad iż-żewġ talbiet ta' l-attur *nomine;*

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine* u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu jista' jingħad li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut fis-sens li hu ma rnexxilux jipprova konklussivament l-eċċezzjoni tiegħu li l-akkwist ta' l-art sar

minnu fid-dekors taż-żmien u tirrevokaha fil-kumplament u b'hekk tilqa' t-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni intentata mill-attur essenzjalment hija l-azzjoni rivendikatorja u għalhekk isegwi li l-attur irid jipprova d-dominju tiegħu fuq il-ħaġa rivendikata u mhux biżżejjed li jipprova li l-istess ħaġa mhux tal-konvenut għaliex il-liġi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tiegħu nnifsu. Għandu għalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konklusiva;

Issa minn eżami tal-provi kollha li nġabu kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut din il-Qorti mhix sodisfatta li l-attur ipprova d-dominju tiegħu fuq il-proprjetà in kwistjoni u f'dan ir-rigward din il-Qorti li ħadet paċenzja tifli id-dokumenti kollha esibiti sempliċement mhux biss taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali u ta' l-ewwel Onorabbli Qorti iżda tara wkoll li effettivament hemm ukoll dubju jekk il-proprjetà li għaliha jirriferixxu d-dokumenti esibiti mill-attur hijiex l-istess proprjetà li jirriferixxu għaliha d-dokumenti esibiti mill-konvenut. Fil-fatt, kif sewwa ġie rrilevat fil-perizja f'din il-kawża, allavolja dan l-aspett kien evidenti baqgħet ma saritx perizja biex tiġi identifikata l-proprjetà jew proprjetajiet involuti jew li jistgħu jkunu involuti.

Barra minn dan hemm ukoll il-kwistjoni ta' kif il-proprjetà li qed jirrivendika l-attur suppost għaddiet minn persuna għall-oħra u wkoll hawnhekk hemm ħafna defiċjenzi u l-affarijiet mhux ċari. Jiġi osservat ukoll li fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu l-attur għamel diversi sottomissjonijiet li però ebda waħda minnhom ma tirrispondi għal dak li għadu kemm ingħad u essenzjalment huma indirizzati biex jikkonvinċu lil din il-Qorti li n-nuqqas ta' provi suffiċjenti da parti tal-konvenut għandhom iwassluha biex tiddeċidi li l-attur għandu raġun. Però dan ma jsegwix għax il-prova kellu jagħmilha l-attur u kif ingħad din il-Qorti mhix sodisfatta li l-prova li għamel hija waħda kompleta u inekwivoka. L-attur ukoll ibbaża kollox fuq xi pagamenti ta' ċens li ftit u xejn huma rilevanti speċjalment tenut kont ta' dak li hemm indikat fid-denunzja addizzjonali tas-suċċessjoni ta' Angela Canè u ċjoè meta kien ġie indikat li kien hemm dirett dominju perpetwu ta' lira u ħames xelini (L1.5s) dan kien żball għax din iċ-ċifra l-ewwelnett kellha tkun ta' tnax-il xelin u sitt soldi (12s/6d) u inoltre kienet import ta' kera u mhux ta' ċens u li minnha, sehem id-deċujus kien tan-nofs. Hu x'inhu però dak li jiddetermina l-eżitu ta' dan l-appell hu li din il-Qorti mhix sodisfatta li l-attur ipprova fil-grad rikjest minnu li huwa qed jirrivendika l-istess proprjetà li qiegħda għand il-konvenut u inoltre, li anqas m'huwa ċar it-titolu tiegħu anki jekk *si tratta* ta' l-istess proprjetà;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellant *nomine*.